# LECTIO DIVINA
# IL-ĠISEM U D-DEMM TAL-MULEJ (B)

**Mk 14, 12-16.22-26**

**Introduzzjoni**

L-evanġelju ta' Mark inkiteb aktarx minn dixxiplu qrib ħafna ta' Pietru, lil komunità ta' Insara b'ċerta kultura Lhudija, li kienet probabbilment tgħix f'Ruma, jew f'ambjent pagan, taħt persekuzzjoni qawwija. Fil-fatt l-Evanġelju juri lil din il-komunità x'sens fih is-salib ta' Kristu Ġesù għad-dixxipli kollha, biex jgħinhom jifhmu aktar is-sens tat-tbatijiet li kienu għaddejjin minnhom huma stess fil-persekuzzjoni għall-fidi tagħhom. Jidher li l-komunità ta' Mark spiss ċediet taħt il-pressjoni tal-persekuzzjoni u l-prova. U Mark allura kiteb biex juri l-umanità tal-komunità li tista', jekk trid, tissaħħaħ bil-kelma ta' l-Evanġelju.

Jekk il-Vanġelu ta' Mark inkiteb qrib ħafna tas-sena 65 w.K., allura l-persekuzzjoni kienet dik taħt Neruni.

Mark jippreżenta saħansitra l-Ikla ta' l-Għid mibdula f'Ikla Ewkaristika minn Ġesù bħala l-Ikla tat-tixrid tal-ħajja ta' Ġesù, u dan mhux għalih innifsu imma għall-oħrajn.

**v.12** - ***Fl-ewwel jum ta' l-Ażżmi, meta kienu jissagrifikaw il-ħaruf ta' l-Għid, id-dixxipli tiegħu qalulu: "Fejn tridna mmorru nħejju biex tiekol l-ikla ta' l-Għid?"***

Mark jorbot l-Aħħar Ċena ma' l-Ikla ta' l-Għid Lhudija: impliċitament billi jgħid li kien l-ewwel jum ta' l-Ażżmi, meta kienu jissagrifikaw il-Ħaruf; u espliċitament billi jgħid li d-dixxipli talbu lil Ġesù jgħidilhom fejn jixtieq li jiċċelebraw l-Ikla ta' l-Għid.

Biex jispjega lill-membri tal-komunità tiegħu li ma kinux midħla biżżejjed tal-kultura Lhudija x'kienu jew meta kienu Jiem l-Ażżmi, Mark jgħid: "meta kienu jissagrifikaw il-ħaruf" ... flok festività jagħtiha tifsira sagrifikali, għax il-komunità kienet għaddejja minn jiem bħal dawk. L-Ewwel Jum ta' l-Ażżmi = il-Ħamis ta' qabel l-Għid (is-Sibt). 15-21 ta' Nisan/Abib (= April).

**vv.13-14** - ***Imbagħad hu bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Morru l-belt, u tiltaqgħu ma' raġel iġorr ġarra ilma. Morru warajh, [14] u għidu lil sid id-dar ta' fejn tarawh***

***dieħel, 'Qallek l-Imgħallem: Fejn hi l-kamra tiegħi li fiha nista' niekol l-ikla ta' l-Għid mad-dixxipli tiegħi?'***

Ninnutaw:

- Id-dixxipli huma nvoluti ħafna f'dak li se jsir: hija l-Ikla li Ġesù se jagħmel mad-dixxipli tiegħu!
- Hemm implikat progress ta' spazju li jwassal għall-intimità kbira tal-mument ta' l-għotja: mill-belt, għal dar, għal kamra mid-dar li hi l-kamra ta' fuq (l-għorfa li ħafna drabi hija sinonima mal-kamra matrimonjali).
- Morru wara r-raġel iġorr ġarra ilma ... bħala dixxipli tiegħu. Imma fl-istess ħin Ġesù jibqa' l-Imgħallem tagħhom. Il-komunità tista' ssib min joffrilha li jkun il-mexxej tagħha bi prezz aktar irħis, imma l-veru Mgħallem huwa Ġesù. L-imgħallem huwa hu ... bħalma l-kamra ta' l-intimità bejn id-dixxipli u hu jrid li jsejħilha "l-kamra tiegħu."
- L-irġiel mhux normalment kienu jġorru huma l-ilma: għalhekk dak seta' jkun sinjal. Il-verb "iġorr" fil-Grieg huwa l-verb li normalment jintuża f'sens ftit negattiv: iġġorr il-piena ta' xi ħtija, iġġorr it-toqol tal-ħajja, il-Messija li jieħu fuqu d-dgħjufijiet tagħna u jitgħabba bid-dnubiet tagħna, iġġorr is-salib wara Ġesù. Il-komunità li qiegħda ġġorr is-salib tat-tbatija tal-persekuzzjoni għall-fidi hija l-komunità tad-dixxipli miexja wara Ġesù jġorr is-salib tal-fidwa tal-bnedmin.

**vv.15-16** - ***U hu jurikom kamra kbira fuq, mgħammra u lesta. Ħejjulna hemmhekk." U d-dixxipli marru u daħlu fil-belt, u sabu kollox kif kien qalilhom hu; u ħejjew l-ikla ta' l-Għid.***

v.16 jista' jidher żejjed u barra minn postu, għax jekk il-kamra ta' fuq hija mgħammra u lesta, ma kienx hemm xi jħejju ż-żewġ dixxipli. Mark juża dan id-dettall biex jerġa' jdaħħal is-sehem tad-dixxipli. L-Ikla hi ta' Ġesù, l-Imgħallem, imma d-dixxipli għandhom sehem qawwi ħafna fiha: kemm qabel, kemm waqt, u kemm wara.

**v.22** - ***Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwilhulhom u qal: "Ħudu, dan hu ġismi."***

Il-barka jgħidha fuq il-ħobża sħiħa, u l-ħobż sħiħ fit-TQ kien il-ħobż tal-Preżenza ta' Alla (*leħem ħappanim*). Il-ħobża maqsuma hija l-ħobża ta' l-għotja, għax fl-għotja ta' Ġesù li jagħti sehem minnha lid-dixxipli tinsab il-Preżenza ta' Alla.

Il-verb "ĦA" huwa wieħed mill-verbi, ma' "TA", li dejjem insibuhom kull meta hemm kuntest ta' Ewkaristija jew referenza għaliha: tkattir tal-ħobż, Emmaws, Pawlu fi Troas, Pawlu fuq il-ġifen lejn Malta ... għax l-Ewkaristija hija l-ewwelnett għotja.

L-għotja m'hijiex ta' xi ħaġa, lanqas ta' xi ħaġa l-iktar prezzjuża li jagħti Ġesù. Hija l-għotja ta' "ġismu".

Il-kelma "ġisem" fil-Lhudi ma tfissirx biss "il-*flesh*": il-laħam u l-għadam u d-demm. Il-kelma "ġisem" tfisser ir-realtà sħiħa fl-istat l-iktar dgħajjef tal-ġisem uman li jgħix fuq din l-art. Ġesù jagħti lilu nnifsu bħala bniedem. Issa glorjuż, jagħtina wkoll ġismu glorjuż.

**vv.23-24** - ***Mbagħad ħa kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu. U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna.***

Mill-ġdid il-barka tingħata fuq il-kalċi sħiħ, biex tinqasam fuq il-kalċi mqassam mad-dixxipli. L-inbid mill-kalċi huwa demm Ġesù. Id-demm huwa l-*carrier* tal-ħajja fil-ġisem, fir-realtà umana. Mela Ġesù fl-Ewkaristija jagħti ħajtu kollha kemm hi. Imma l-ħajja tiegħu hija l-ħajja wkoll divina. Jagħti sehem minn din il-ħajja divina lid-dixxipli wkoll.

**v.24** - ***U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna.***

Ġesù jiddeskrivi demmu wkoll bħala d-demm tal-Patt. Il-Patt dejjem sar minn Alla mal-poplu jew rappreżentant tiegħu. Huwa patt unilaterali: huwa Alla biss li jntrabat bih: il-bniedem ma jilgħab xejn. X'ifisser meta Alla jintrabat bid-demm ta' Ibnu. Demm l-Iben huwa demm il-Missier għax m'hemmx iben mingħajr missier. Mela Alla l-Missier jintrabat b'demmu stess: Alla jorbot lilu nnifsu bih innifsu, b'ħajtu stess. Għalhekk San Pawl lill-anzjani ta' Efesu seta' jgħidilhom: Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess" (Atti 20,28).

***li jixxerred għal ħafna***

ifisser "mhux għal kulħadd"? Hija kontra ta' dak li ngħidu fil-Konsagrazzjoni – "li jixxerred għalikom u għal bnedmin kollha, għall-maħfra tad-dnubiet"? Il-kuntest u postijiet oħra fejn tintuża din il-frażi turi kuntrast bejn "li jingħata għalija nnifsi" u "li jingħata għalikom". Dik l-għotja li qiegħed jagħmel Ġesù m'hix għalih innifsu imma għall-oħrajn.

**v.25** - ***Tassew ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla."***

L-inbid (il-frott tad-dielja) huwa simbolu tal-ferħ, imma wkoll tal-ġudizzju. L-għotja ta' Ġesù sa l-aħħar qatra ġġib ferħ kbir lil min jilqagħha. Id-dixxipli li kienu jbatu l-persekuzzjoni kellhom jistenniehom ferħ u hena kbir jekk jilqgħu t-tbatija bħala sehem mill-għotja tat-tbatija ta' Ġesù għall-fidwa tal-bnedmin. Imma din l-għotja kienet ukoll is-simbolu tal-ġudizzju bejn min jilqa' l-persekuzzjoni u jibqa' fidil, u dawk li jċedu taħt il-pressjoni. Ġesù rebaħ bit-tbatija stess tas-salib. Id-dixxiplu jista' jistenna l-istess ħaġa jekk magħqud miegħu, u msaħħaħ bl-għotja ta' Ġesù sa l-aħħar, l-Ewkaristija.

**v. 26** - ***Mbagħad kantaw is-salmi u ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ***

Is-salmi għal dik l-aħħar parti ta' l-Ikla ta' l-Għid kienu s-salmi msejħa tal-Ħallel, is-Salmi 114-118 (*Hallelu*-jah), tat-tifħir u ringrazzjament. Xi ħadd mill-membri kien jirreċita s-salm u l-oħrajn jirrispondu "Hallelujah" kull nofs vers. Anke jekk l-Ikla hija l-ikla ta' l-għotja fil-mewt, hemm stennija ta' ferħ u radd il-ħajr f'dik l-għotja wkoll.

L-Għolja taż-Żebbuġ hija l-għolja minn fejn Ġesù bagħat żewġ dixxipli jġibulu l-felu tal-ħmara biex jidħol Ġerusalemm ... u jibda l-passjoni tiegħu (Mk 11,1); u hija l-għolja wkoll li fuqha l-ewwel erbgħa dixxipli li hu sejjaħ għal warajh (Pietru, Indrì, Ġakbu u Ġwanni) jitolbuh jgħidilhom meta se jseħħu s-sinjali ta' l-aħħar tad-dinja, tal-ġudizzju (13,3). Kollox f'dan it-test jipponta lejn l-aħħar fażi tal-ħajja publika ta' Ġesù: il-passjoni u l-mewt għall-bnedmin kollha.

**MEDITATIO**

Il-mistoqsija li tmexxina f'din it-tieni tarġa tal-*Lectio Divina* hi: Bħala individwi/komunità x'qiegħed jgħidli/ilna Alla permezz ta' dan it-test?

- Bħal kull rakkont fl-Evanġelji, ir-rakkont tat-Twaqqif ta' l-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena, hu indirizzat għas-sitwazzjoni tal-komunità taħt persekuzzjoni. L-Ewkaristija hija xi ħaġa sterjotipata jew misteru ħaj ta' Ġesù li jsir ħaj għalik personali u għall-komunità tiegħek/tagħna?
- Ġesù jingħata għalija u għalik fl-Ewkaristija: x'differenza tagħmillek fil-ħajja ta' kuljum din l-għotja?

- Fl-Ewkaristija Ġesù jagħtina ġismu/il-ħajja umana u d-demm/il-ħajja umana u divina tiegħu. Liema sfida tqiegħed quddiemek din l-għotja biex int tingħata bħala bniedem lil ħaddieħor?
- Hija okkażjoni ta' ferħ il-laqgħa tiegħek ma' Ġesù fl-Ewkaristija, jew rutina li trid tagħmilha?

**ORATIO**

ATTITUDNI: Hawn jien il-qaddej tal-Mulej; ħa jsir minni skond kelmtek.

Mistoqsija: x'se ngħid/u lil Alla wara li kellimni/a permezz ta' dan it-test?

**CONTEMPLATIO**

Alla li tant jimpurtah mill-bniedem li jagħti lilu nnifsu b'mod tant qrib tal-bniedem.

**ACTIO**

Insib modi konkreti kif ngħix l-Ewkaristija fiċ-ċelebrazzjoni u barra.